# L-Iskultur Bormliż ABRAM GATT

Żgur li minn fi żmien il-Festa tal-Kunċizzjoni iżur it-Tempju tagħha f'Bormla, jammira ħafna x-xogħlijiet ta' arti u preġju tal-magħruf disinjatur u skultur Bormliż Abram Gatt.

Abram Gatt twieled f'Bormla fl-4 ta' Ottubru 1863, minn Ġużeppi Gatt u Reġina Cassar. Sa minn tfulitu wera ġibda kbira lejn l-iskultura u lejn id-disinn. Huwa beda jistudja l-arti għand Karlu Darmanin. Il-progress li beda jagħmel kienu xhieda li Abram kellu kapaċita kbira. Ta' dan huma xhieda id-diversi knejjes f'Malta kollha li huma mimlijin b'opri sbieħ tal-fidda u fl-injam maħdumin fuq id-disinn tiegħu.

Abram Gatt kien nisrani prattikanti, u devot kbir tal-Immakulata. Kien umli, kwiet u qatt ma fittex unuri u ftaħir. Abram Gatt kien ħaddiem it-Tarzna, u kien jiġbed lejh is-simpatija ta' kulħadd. Kien ċajtier ħafna u nsibu ħafna stejjer ħelwin fuqu.

**Opri Tiegħu f'Bormla**

L-iktar knisja li għandha xogħlijiet ta' Abram żgur li hija l-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Ta' min isemmi d-disinji tal-biċċa l-kbira tal-Ventartali tal-fidda, fosthom dak ta' San Mark li huwa kkunsidrat bħala kapolavur tiegħu; ta' preġju kbir huwa l-predestal tal-Fidda tal-Kunċizzjoni, l-isbaħ pedestal f'Malta. Sbieħ ukoll huma it-trieħi tal-belluż ta' l-artali, il-gastri tal-korsija, il-gandlieri tal-Maġġur, l-arkata tal-Fidda u l-purtieri tal-kwadru tal-Kor. Il-messali kollha tal-fidda, u diversi affarijiet oħra fosthom il-biċċa l-kbira tad-dekorazzjonijiet tas-saqaf. Ma' dawn insibu diversi xogħlijiet sbieħ fi knejjes oħra, bħal f'Ħaż-Żebbuġ, Luqa, Qormi, Parroċċa tar-Rabat u Knisja tal-Karmnu, l-Belt.

**Abram Skultur**

Żgur li l-aqwa statwa tiegħu hija San Ġużepp bil-Bambin li jinsab fil-Knisja tagħna - Bormla, li taħseb li huma bnedmin vera. Il-Veronika u Kristu Msallab tal-Vara l-Kbira li jinsabu f'Bormla, wkoll huma tiegħu. Barra dawn irranġa ħafna statwi bħal Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, San Publiju tal-Furjana u oħrajn.

Abram Gatt kien pittur ukoll u xhieda ta' dan huwa il-Pittura ta' Kristu Sultan li hemm fid-Domus Piju IX ta' Bormla. F'diversi djar privati insibu ħafna pitturi tiegħu wkoll.

CAN. J. BONELLO


Casibille **Aluminium**

**Telephone 878172**

*Manufaturers of: DOORS, WINDOWS, BALCONIES, STAIRCASES and all other ALUMINIUM WORKS.*

*You will also find: BEDROOMS, SPARE BEDROOMS, DINING ROOMS, etc.*

*Factory:* **Qoton Street, Żabbar** *(From 7 a.m. - 3 p.m.)*

*Showroom:* **38, St. Francis Street, Cospicua**

*(St. Paul's Church Area)*

*From 9 a.m. - 12 noon and 4.30 p.m. - 7 p.m.*